MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2008

Rikors Numru. 311/2006

**Victoria Camilleri**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Victoria Camilleri prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbatax (14) ta' Settembru 2006 fejn esponiet is-segwenti:-

Illi permezz t'ittra ufficjali datata s-sittax (16) t'Awissu 2006 li giet notifikata lilha fit-tlieta w ghoxrin (23) t'Awissu 2006 enumerata 6159/06, hija giet interpellata mill-intimat sabiex bhala eredi ta' Carmel Camilleri, hija thallas fi zmien jumejn, s-somma ta' elfejn tmien mija u seba liri Maltin (LM2,804), bilanc minn somma akbar fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta' stima 1977, 1978, 1979, 1980, 1981, 1982, 1983, 1984, 1986 ,

1987, 1988, 1990. 1991, 1992, 1993, 1995 skond l-Avviz unit ma l-istess Ittra Ufficjali (Dok. “VC1”).

Illi l-pretensjoni ta’ l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghall-hlas imsemmi hija rrita u nulla u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Il-Gudizzju mhux integru peress illi hija mhiex l-unika eredi ta’ Carmel Camilleri.

2. It-talba ta’ l-intimat tinsab preskritta skond id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 47 (2) ta’ l-Att XV111 ta’ l994 kif applikabbli fiz-zmien relattiv qabel l-emendi ta’ l-istess Artikolu.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija r-rikorrenti talbet bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti toghgobha tiddikjara li l-pretensjoni tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta’ LM2,804 kif dedotta fl-ittra ufficjali prezentata fis-sittax (16) t’Awissu 2006, flimkien mat- talba ghall-ispejjez ghall-prezentata ta’ dak l-Att, hi nfondata u r-rikorrenti dikjarata mhiex debitrici tal-intimat fis-somma pretiza.

Bl-ispejjez ta’ din l-procedura kontra l-intimat.

Rat id-digriet taghha tat-tnax (12) ta’ Gunju 2006 fejn din il-Qorti diversament preseduta kienet ordnat in-notifika ta’ dan l-att lill-intimat w appuntat r-rikors ghas-smiegh ghall-erbatax (14) ta’ Marzu 2007.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni prezentata nhar is-sitta (6) t’Ottubru 2006 fejn espona s-segwenti:-

1. Illi ai termini tal-ligi dwar it-taxxa specifikament l-artikolu 71 tal-Kap 123 il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni jista jipprocedi kontra kwalunke eredi tad-debitur w ghaldaqstant ma jista jissusisti ebda nuqqas t’integrita tal-gudizzju.

2. Illi mhuwiex minnu li l-ammonti mitluba huma preskritti.

Ghaldaqstant l-intimat talab li dinl-Onorabbli Qorti tghogobha tikkonferma t-talba tieghu bl-ispejjes kontra r-rikorrent Camilleri.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Victoria Camilleri** esebit fl-atti a fol.17 tal-process markat bhala Dok. VC, flimkien ma zewg dokumenti VC 2 u VC 3. Illi minn ezami ta' l-istess dokument jirrizulta li r-rikorrenti hija bint Carmelo Camilleri u li hija ghandha sitt ahwa. Spjegat li missierha kien dulcimer u kien jopera hanut numru 153 Triq il-Merkanti Valletta. Qalet li fis-sena 1995 kien refa' mix-xoghol w ghalaq in-negozju tieghu. Wara xi sena kien rega' fetah il-hanut izda fis-sena 2001 kien refgha ghal kollox u miet sena wara.

Spjega li fl-ahhar ta' Settembru 2005 il-mama taghha Josephine Camilleri kienet irceviet ittra datata d-disgha w ghoxrin (29) ta' Settembru 2005 minghand id-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u dan kien qed jippretendi minghandha bhala eredi ta' missierha s-somma ta LM2,810 bhala arretrati ta' taxxa mis-sena 1977 sas-sena 1996. F'Novembru 2005 hija regghet irceviet ittra simili fejn giet infurmata li d-Dipartiment kien qed jippretendi l-istess ammont ta' LM2,810 ghall-istess snin 1977 – 1996. Hija esebiet dawn iz-zewg ittri li gew markati bhala Dok. VC 2 u VC 3. Sussegwentement tghid li fit-tlieta w ghoxrin (23) t'Awissu 2006 hija giet notifikata b'ittra ufficjali datata s-sittax (16) t' Awissu 2006 (Dok. VC1 annessa mar-rikors promotorju) li taw bidu ghal dawn il-proceduri.

Hija kelmet lil ommha u staqsietha dwar il-*files* tat-taxxa tal-papa u hi qaltilha li wara l-mewt ta' missierha hija kienet remiet kollox ghax ma kien hemm l-ebda kont pendenti mad-Dipartiment tat-Taxxa.

**Illi nhar l-4 ta'Mejju 2007 xehdet** Victoria Camilleri **u spjegat li hija qatt m'irceviet stima ta' taxxa f'isem missierha ndirizzata lilha. Ikkonfermat li mis-sena 2000 'l hawn hija kienet tirrisjedi fil-fond 73/4 Triq San Nikola Valletta.**

Rat in-nota ta’ sottomissjoni ta Victoria Camilleri prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-hmistax (15) ta’ Gunju 2007 u dik tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Nterni prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta’ Lulju 2007.

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni datat l-ghaxra (10) ta’ Lulju 2007 fejn talab lil din il-Qorti tippermettilu jipprezenta l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, liema affidavit gie prezentat kontestwalment mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tas-sittax (16) ta’ Lulju 2007 fejn ordnat notifika tieghu lil kontroparti, r-rikorrenti odjerna.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti Victoria Camilleri fejn talbet lil din il-Qorti tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u tordna l-isfilz tal-affidavit prezentat minnu u dan ghaliex issostni li din il-prova qatt ma messha giet prezentata meta l-provi tal-partijiet kienu gew maghluqa u l-istess partijiet kienu wkoll diga pprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Ikkunsidrat:-

Illi ghalhekk qabel ma din il-Qorti sejra tiddecidi fuq il-mertu tar-rikors ghandha l-ewwel tiddegreta ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.

Illi jirrizulta minn ezami tal-atti li nhar l-erbgha (4) ta’ Mejju 2007 ir-rikorrenti kienet ghalqet il-provi taghha billi fil-presenza tal-avukati rispettivi tal-partijiet, iddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq (fol. 25).

Jirrizulta wkoll li l-intimat l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni talab li jipprezenta in-nota ta sottomissjoni tieghu.

Fis-seduta sussegwenti u cioe nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Gunju 2007, l-Avukat difensur tal-intimat irrileva li r-rikorrenti ma kienitx ghadha pprezentat in-nota taghha w ghalhekk din il-Qorti kienet iddifferiet il-kawza *in difetto ostakolo* ghas-sentenza.

Illi pero gara li aktar tard f'dik is-seduta il-Qorti giet a konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjoni tar-rikorrenti w ghalhekk il-kawza kienet giet differita sabiex l-intimat jirrispondi ghall-istess.

Illi fis-seduta sussegwenti u cioe dik tad-disgha (9) ta' Lulju 2007 deher l-Avukat difensur tal-intimat li nforma l-Qorti li kien ser jipprezenta n-nota responsiva tieghu, liema nota effettivament giet prezentata l-ghada u cioe l-ghaxra (10) ta' Lulju 2007.

Gara illi kontestwalment man nota tieghu il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni pprezenta rikors fejn talab il-Qorti tannettilu in atti l-affividavit ta' Ludgardo Mercieca prezentat kontestwalment mar-rikors tieghu.

Illi r-rikorrenti sostniet li din il-Qorti m'ghandhiex tilqa it-talba tal-intimat u dan ghaliex l-intimat ma ressaqx raguni tajba 'l ghala huwa naqas li jipprezenta l-istess affidavit qabel ma l-partijiet ddikjaraw li m'ghandhomx aktar xhieda xi iressqu u fil-fatt iccitat l-Artikolu 206(2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Jinghad qabel xejn li dan l-Artikolu tal-Ligi gie mhassar bl-Att XXX1 tas-sena 2002, u l-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti riedet ticcita l-Artikolu 204(1)(b) ta' l-istess Kap 12 li jghid

"*Meta s-smiegh tal-kawza jinghalaq, ma tista tinghata l-ebda xhieda ohra, hlief ghar-raguni gusta u bil-permess tal-Qorti"*.

Illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ghandha ragun tghid li ma kienx hemm raguni gusta l-ghala din il-Qorti ghandha tippermetti l-prezentata ta' dan l-affidavit li kien anness mar-rikors, molto piu meta tqis li dan gie prezentat minghajr l-permess tal-Qorti.

L-intimat kien debitament rapprezentat f'kull seduta li zammet din il-Qorti ghal gbir tal-provi w ghalhekk tali talba

messha saret qabel u mhux wara li r-rikorrenti pprezentat is-sottomissjonijiet taghha.

M'hemmx dubbju li huwa in vista ta' dak li gie rilevat mir-rikorrenti fin-nota taghha, li l-intimat hass li kellu jipprezenta dan l-affidavit w ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti qieghda tichad ilt-talba tal-intimat ghall-prezentata ta' dan l-affidavit u sussegwentement tordna l-isfilz tieghu u tiddikjara li mhiex ser tiehu konjizzjoni tieghu fid-decisjoni finali taghha.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegat fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero, il-grad ta' prova rikjesta fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali, fejn il-ligi tesigi l-prova ta' htija ghandha tirrizulta minghajr dubbju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabiltajiet (vide **Appell Civili** **<u>Paul Vassallo vs Carmelo Pace (19860 Vol. LXX.ii.144).</u>** Mera possibilita mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita civili.

Issa x'inhuma l-provi li ressqet r-rikorrenti.

Ir-rikorrenti ddikjarat li bhala werrieta ta' missierha l-mejjet Carmel Camilleri, hija qatt ma giet mitluba sabiex thallas xi taxxi dovuti minnu lid-Dipartiment tat-Taxxi u dan partikolarment b'referenza ghas-snin 1977 sa 1996 u l-ewwel darba li rceviet komunikazzjoni minghand l-ufficju tat-Taxxi Nterni, kien permezz t'ittra datata disgha w ghoxrin (29) ta' Settmebru 2005 skond d-Dok. VC 1 esebit fl-atti.

Illi l-intimat ma ressaq l-ebda provi u strah fuq in-nota t'eccezzjoni tieghu prezentata fl-atti a fol. 9 tal-process.

Illi r-rikorrenti ssostni li l-gudizzju mhux integru ghaliex hija mhiex l-unika eredi, izda hemm ommha u sitt hutha w ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni messu agixxa kontra taghhom kollha.

Illi dwar dan il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ccita l-Artikolu 71 ta-Kap 123, li fil-fehma tieghu jaghtih l-fakolta li jipprocedi kontra kwalunkwe eredi tad-debitur.

L-Artikolu 71 tal-Kap 123 jiddisponi s-segwenti:-

"*Il-werrieta jew rapprezentant legali ta' dak l-individwu, jkunu soggetti ghal hlas ta' taxxa u jkollhom ihallsu dik it-taxxa li ghaliha dak l-individwu kien ikun suggett u jkunu responsabbli solidalment ghall-eghmil ta' dawk l-atti, affarijiet u hwejjeg kollha bhal ma dak l-individwu, li kieku baqa' haj, kien ikun suggett li jaghmel skond dan l-Att…"*

Minn ezami ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jirrizulta li hemm responsabilita' solidali bejn l-eredi kollha fil-konfront tad-debitur il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, pero minn imkien ma jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghandu jipprocedi kontra l-eredi kollha.

Il-Legislatur ried li l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni jista jipprocedi kontra werriet wiehed tax-xelta tieghu u dan l-istess werriet imbaghad ikun jista jipprocedi ulterjorment kontra l-eredi l-ohra ghas-sehem li huwa ikun hareg ghan-nom taghhom.

Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-intimat qieghda tigi milqugha.

Ir-rikorrenti eccepiet ukoll li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 47(2) tal-Att XV111 a' l-1994 (Kap 372) kif applikabbli fiz-zmien qabel l-emendi ta' l-istess Artikolu.

Dan l-Artikolu <u>kien</u> jipprovdi s-segwenti:-

"*L-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali imghax jew xi penali tista tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti w ghandhom jithalsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva."*

Illi mill-provi prodotti, u cioe minn dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha, jinghad li l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Nterni qed jitlob hlas ta' taxxi ghall-perijodu 1977 sas-sena 1996 .

Illi dan il-fatt *ut sic* mhux qed jigi kontestat.

Ir-rikorrenti xehdet bil-gurament u tali xhieda ma gietx kontestata li hija **QATT** ma giet notifikata b'xi talba ghal tali hlas qabel l-ittra bonarja li hija datata ghaxra (10) ta' Novembru 2005 u sussegwentement bl-ittra ufficjali li rceviet, prezentata fir-Registru tal-Qorti nhar is-sittax (16) ta' Awwissu 2006.

Illi dawn il-fatti rikorrenti ma jidhrux li huma 'n kontestazzjoni ghalkemm l-intimat jsostni li l-ammont mitlub ghadu dovut u dan ghaliex fis-sena 2002 huwa kien baghat stimi lir-rikorrenti kif jipprovdi l-artikolu fuq citat.

L-intimat pero ma jressaq l-ebda prova dwar dan fis-sens li ma jirrizultax mill-atti li r-rikorrenti verament kienet giet notifikata b'xi stimi f'dik is-sena.

Konsegwentement isostni li l-azzjoni mhiex preskritta ghaliex mis-sena 2002 sas-sena 2006 m'ghaddewx it-tmien snin preskritti mill-ligi.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-intimat ma jirrizultax ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li verament l-intimat agixxa fi-zmien rikjest mill-ligi sabiex jirkupra t-taxxi dovuti lilu minghand il-mejjet Carmel Camilleri.

Ghaldaqstant il-pretensjoni intimata verament hija preskritta u konsegwentement it-tieni eccezzjoni tal-intimat qieghda tigi michuda.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda filwaqt li tiddikjara li l-intimat seta jagixxi kontra wiehed biss mill-eredi tal-mejjet Carmel Camilleri qieghda tiddikjara il-pretensjoni tal-intimat preskritta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta dan ir-rikors.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithalsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------